7

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 82/15-F

**Alexia Diacono u Christopher Xuereb**

**vs**

**Dorothy Zammit in rappreżentanza tas-soċjeta' ntimata Mary's Haberdashery**

Illum 22 t'Ottubru, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-20 t'April, 2015 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' disgħa u sittin ewro (€69), rappreżentanti prezz ta' purtieri li wara li ħaslithom ħareġ is-sadid.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi xtraw tlett pari purtieri u wara li xarbithom għal 20 minuta, din il-purtiera kienet mimlija sadid mar-rings u fuq il-purtiera.

L-intimat issottometta illi dan ġara hekk għax il-purtieri damu ħafna fl-ilma u għalhekk bilfors ħareġ is-sadid.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, għamel esperiment u żamm sett purtieri minnhom u ħallihom fl-ilma għal bejn 30 – 45 minuta u innota li dawna ma ħareġ l-ebda sadid, allura t-Tribunal qed jikkunsidra li tħallew iktar minn 30 minuta bil-konsegwenza li ħareġ is-sadid.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888